MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57/8 (Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 56/8)

It-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
John Mary Calleja – Vici Sindku

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

M Micallef - Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

057.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

057.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 53/8 (3/8/2021) 55/8 [1/9/2021]);

057.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

057.4 Approvazzjoni tal-Ittra tal-Direzzjoni *(Management Letter);*

057.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

057.6 Rapporti;

057.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress

057.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

057.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filgħaxija (5:40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 057.1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsilliera M Micallef talbet biex jigi skuzat minhabba ragunijiet personali. Dawk prezenti laghqu din it-talba.

## 057.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 53/8 (3/8/2021) 55/8 [1/9/2021]);

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 56/8.

057.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

057.3.1 Is-Sindku ghamlet refenza ghal din it-triq li taghti ghal fejn l-ajruport sabiex l-Kunsill jitlob sabiex din it-triq isir two way sakemm jitlestew ix-xoghlijiet li ghaddejin fit-toroq tal-madwar. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex Triq Hal-Resqun isir two way ukoll.

057.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni biex isiru road humps kienu ntbghatu lill-TM.

057.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghal xi sigar li hemm fi Triq Santa Katerina fuq il-bankina. Is-Sindku proponiet li sigar li qed jostakolaw il-bankina jinqghalu u minflok tithawwel pjanta izghar. Dawk prezenti qabblu dwar dan. Is-Sindku talbet sabiex ninfurmaw lir-residenti.

057.3.4 Is-Sindku qrat ir-rapport li gie mhejji mill-Contracts Manager fejn ghamlet referenza ghas-servizz li qed jinghata mill-kuntrattur tas-soft areas, fejn qalet li jekk mhux ser jinbidel il-kuntrattur jew mhux ser isir kambjament ser tinhareg default notice.

057.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li laqgha ma` rapprezentanti ta` TM kienet ser isir fil-11 ta` Ottubru.

057.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-applikazzjoni tal-attivita tal-Milied fejn proponiet li l-Kunsill ghandu jiffinanzja spejjez ta` risk assessment, l-assigurazzjoni u xi permessi ohra. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku talbet ukoll sabiex il-Kunsill jitlob lill-DLG sabiex ikun hemm estensjoni taz-zmien.

057.4 **Approvazzjoni tal-Ittra tal-Direzzjoni *(Management Letter);***

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 56/8.

057.5 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

057.5.1 Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghall-progett tal-Erasmus+ fejn il-Kunsill kellu jibghat zewg partecipanti ghall-konferenza li saret il-Grecja. Is-Sur Sammut qal li s-Sindku hadet post

participant mill-Gudja kif kien mifhtiem fil-laqghat ta` qabel. Is-Sindku qalet li hija marret il-konferenza wara li s-Sur Sammut ogezzjoni milli jmur il-partecipant li kien gie proponut.

057.5.2 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-imprint concrete li sar fuq il-bankina ta` madwar Gnien R.Caruana, fejn qal li disinn ma kienx bhal dak li s-Sindku kienet uriet fil-laqghat ta` qabel.

057.5.3 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-ilma tax-xita li qed joghqod fid-dahla ta` Gnien il-Qari minhabba li xoghol mill-kuntrattur ta` toroq ma sarx sew. Is-Sur Caruana talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-perit ta` IM biex jqabbad il-kuntrattu jaghmel ix-xoghol neccessarju biex tigi eliminata din il-problema.

057.5.4 Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar x`sar mir-railing li kien hemm quddiem l-entratura tal-iskola primarja. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet staqsiet lill-Kap tal-Iskola u nfurmatna li ma kienx hemm railing tal-stainless steel.

057.6 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

057.7 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**

057.8 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Giet prezentata l-skeda ta` pagamenti numru 29/08. Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghall-pagamenti li jkopru l-biljetti tal-ajru li nxtraw ghas-Sindku biex tattendi konferenza barra minn Malta. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill ma kienx idecieda li jmur membru tal-Kunsill imma li jintbghatu zewg rapprezentanti mill-lokal li jahdmu fis-settur. B`hekk il-Kunsillier MA Sammut ogezzjona li japprova l-pagament. Il-Kunsillier Stefan Caruana ogezzjona wkoll ghall-istess raguni. Il-Vici Sindku approva l-pagament. Is-Sindku qalet li hija attendiet ghax ma kienx hemmx qbil biex imur it-tieni partecipant u

ghalhekk marret hija bha rapprezentanta mill-Kunsill. Is-Sindku assjeniet milli tivvota peress li l-pagament kien jirigwardja lilha u ghalhekk talbet biex ikun hemm direzzjoni mid-DLG.

057.9 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha  ta` filghaxija (7.00pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar il-Gimgha 5 ta` Novembru 2021 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

.

Konfermati, illum il-Gimgha 5 ta` Novembru 2021

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |